**A.L. 186 ta' l-2005**

## ATT TA' L-2005 DWAR AZZJONIJIET ĠUDIZZJARJI (MIŻURI VARJI) (ATT NRU XXII TA' L-2005)

### Regolamenti ta' l-2006 li jemendaw ir-Regolamenti ta' l-2006 dwar l-Adattament tal-Liġijiet

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 76A ta' l-Att ta' l-2005 dwar Azzjonijiet Ġudizzjarji (Miżuri Varji), il-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja għamel ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu u bidu fis-seħħ

**1.** (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2006 li jemendaw ir-Regolamenti ta' l-2006 dwar l-Adattament tal-Liġijiet, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2006 dwar l-Adattament tal-Liġijiet, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

(2) Id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-Regolamenti għandhom jitqiesu li ġew fis-seħħ fis-16 ta' Jannar, 2006.

Jemenda t-Taqsima A ta' l-Iskeda tar-regolamenti prinċipali.

**2.** Minflok il-partiti 6, 13, 15, 16, 17, 18, 19, 20 u 21 tat-Taqsima A ta' l-Iskeda tar-regolamenti prinċipali, għandhom jidħlu l-partiti 6, 13, 15, 16, 17, 18, 19, 20 u 21 li ġejjin rispettivament:

| | LIĠI | DISPOSIZZJONI | KELMA/FRAŻI LI TIĠI EMENDATA | EMENDA |
|---|---|---|---|---|
| "6. | **Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili, Kap. 55.** | artikolu 109 | "fuq talba ta' l-arkivist, b'ċitazzjoni," | "fuq talba ta' l-arkivist b'rikors ġuramentat," |
| | | artikolu 113(2) | "id-disposizzjonijiet tal-liġi dwar in-notifiki tat-taħrikiet u dwar it-tmexxija tal-proċedimenti l-oħra kollha fil-Qorti tal-Maġistrati, igħoddu għan-notifiki ta' ċitazzjonijiet u ta' kull proċediment ieħor tal-Qorti ta' Reviżjoni hawn fuq imsemmija" | "id-disposizzjonijiet tal-liġi dwar in-notifiki tat-taħrikiet u dwar it-tmexxija tal-proċedimenti l-oħra kollha fil-Qorti tal-Maġistrati, igħoddu għan-notifiki ta' rikorsi ġuramentati u ta' kull proċediment ieħor tal-Qorti ta' Reviżjoni hawn fuq imsemmija" " |
| "13. | **Att dwar il-Kumpanniji, Kap. 386.** | artikolu 21(2) | "jista' jopponi ruħu għalihom b'ċitazzjoni" | "jista' jopponi ruħu għalihom b'rikors ġuramentat" |
| | | artikolu 22(1) | "għal dak it-tkabbir b'ċitazzjoni preżentata" | "għal dak it-tkabbir b'rikors ġuramentat preżentat" |
| | | artikolu 23 | "ta' kull ċitazzjoni preżentata" | "ta' kull rikors ġuramentat preżentat" |

| LIĠI | DISPOSIZ-ZJONI | KELMA/FRAŻI LI TIĠI EMENDATA | EMENDA |
|---|---|---|---|
| | artikolu 32(3) | "b'ċitazzjoni preżentata" | "b'rikors ġuramentat preżentat" |
| | artikolu 38(1) | "fuq talba b'ċitazzjoni magħmula" | "fuq talba b'rikors ġuramentat magħmul" |
| | artikolu 48(2) | "b'ċitazzjoni" | "b'rikors ġuramentat" |
| | artikolu 66(12)(b) | "b'ċitazzjoni" | "b'rikors ġuramentat" |
| | l-ewwel proviso ta' l-artikolu 83(1) | "b'ċitazzjoni preżentata" | "b'rikors ġuramentat preżentat" |
| | artikolu 83(2) | "kull ċitazzjoni preżentata" | "kull rikors ġuramentat preżentat" |
| | artikolu 98(1) | "b'ċitazzjoni ppreżentata" | "b'rikors ġuramentat preżentat" |
| | l-ewwel proviso ta' l-artikolu 98(2) | "b'ċitazzjoni" | "b'rikors ġuramentat" |
| | artikolu 116(1) | "jistgħu b'ċitazzjoni preżentata" | "jistgħu b'rikors ġuramentat preżentat" |
| | artikolu 116(3) | "jara li kopja ta' kull ċitazzjoni preżentata skond is-subartikolu (1) u ta' kull deċiżjoni mogħtija fuqha tiġi notifikata lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, u l-imsemmija ċitazzjoni għandha, fuq piena ta' nullità tinkludi talba għal dak l-effett." | "jara li kopja ta' kull rikors ġuramentat preżentat skond is-subartikolu (1) u ta' kull deċiżjoni mogħtija fuqu tiġi notifikata lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, u l-imsemmi rikors ġuramentat għandu, fuq piena ta' nullità jinkludi talba għal dak l-effett." |
| | artikolu 334(2) | "jista' b'ċitazzjoni" | "jista' b'rikors ġuramentat" |
| | artikolu 334(3) | "permezz ta' ċitazzjoni" | "permezz ta' rikors ġuramentat" |
| | artikolu 341(2) | "jista' b'ċitazzjoni" | "jista' b'rikors ġuramentat" |
| | artikolu 341(3) | "permezz ta' ċitazzjoni" | "permezz ta' rikors ġuramentat" |
| | artikolu 351(2) | "jista' b'ċitazzjoni" | "jista' b'rikors ġuramentat" |
| | artikolu 368(2) | "b'ċitazzjoni," | "b'rikors ġuramentat," " |
| "15. **Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, Kap. 406.** | artikolu 65(2) | "bil-mezz ta' ċitazzjoni" | "permezz ta' rikors ġuramentat" " |

| | LIĠI | DISPOSIZ-ZJONI | KELMA/FRAŻI LI TIĠI EMENDATA | EMENDA |
|---|---|---|---|---|
| "16. | **Att dwar it-*Trademarks*, Kap. 416.** | artikolu 14(1) | "b'ċitazzjoni li tiġi ppreżentata" | "b'rikors ġuramentat li jiġi prezentat" |
| | | artikolu 19(1) | "permezz ta' ċitazzjoni" | "permezz ta' rikors ġuramentat" |
| | | artikolu 20 | "b'ċitazzjoni" | "b'rikors ġuramentat" |
| | | artikolu 42(4) | "b'ċitazzjoni" | "b'rikors ġuramentat" |
| | | artikolu 43(3) | "b'ċitazzjoni" | "b'rikors ġuramentat" |
| | | artikolu 54(2) | "permezz ta' ċitazzjoni" | "permezz ta' rikors ġuramentat" " |
| "17. | **Att dwar il-Privattivi Industrijali u d-Disinni, Kap. 417.** | artikolu 39(1) | "meta ssirilha ċitazzjoni" | "meta jsirilha rikors ġuramentat" |
| | | artikolu 39(5) | "b'ċitazzjoni" | "b'rikors ġuramentat" |
| | | artikolu 39(8) | "tista' f'ċitazzjoni ppreżentata" | "tista' f'rikors ġuramentat preżentat" |
| | | artikolu 40(3) | "ssir b'ċitazzjoni" | "ssir b'rikors ġuramentat" |
| | | artikolu 44(1) | "permezz ta' ċitazzjoni" | "permezz ta' rikors ġuramentat" |
| | | artikolu 99(2) | "b'ċitazzjoni" | "b'rikors ġuramentat" |
| | | artikolu 103(2) | "b'ċitazzjoni" | "b'rikors ġuramentat" |
| | | artikolu 115(1) | "permezz ta' ċitazzjoni" | "permezz ta' rikors ġuramentat" |
| | | artikolu 116(1) | "b'ċitazzjoni" | "b'rikors ġuramentat" " |
| "18. | **Att dwar Restituzzjoni ta' Ċertu Artijiet, Kap. 432.** | artikolu 4(2) | "b'ċitazzjoni li tiġi preżentata" | "b'rikors ġuramentat li jiġi prezentat" " |
| "19. | **Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data*, Kap. 440.** | artikolu 46(1) | "b'ċitazzjoni li tiġi preżentata" | "b'rikors ġuramentat li jiġi prezentat" " |
| "20. | **Att dwar l-Amministrazzjoni ta' Artijiet, Kap. 448.** | artikolu 6(1) | "permezz ta' ċitazzjoni li ssir" | "permezz ta' rikors ġuramentat li jsir" " |
| "21. | **Att li jirregola Fondi Speċjali, Kap. 450.** | artikolu 34(2)(e) | "b'ċitazzjoni li tkun ippreżentata" | "b'rikors ġuramentat li jkun prezentat" " |

Jemenda t-Taqsima B ta' l-Iskeda tar-regolamenti prinċipali.

**3.** Minflok il-partiti 1, 2, 3, 4, 5, 6 u 7 tat-Taqsima B ta' l-Iskeda tar-regolamenti prinċipali, għandhom jidħlu l-partiti 1, 2, 3, 4, 5, 6 u 7 li ġejjin rispettivament:

| | LIĠI | DISPOSIZZJONI | KELMA/FRAŻI LI TIĠI EMENDATA | EMENDA |
|---|---|---|---|---|
| "1. | **Regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qrati, L.S. 12.09.** | regola 11(6) | "flimkien ma' ċitazzjoni u man-nota ta' eċċezzjonijiet, għandhom jagħmlu dikjarazzjoni ġuramentata b'mod ċar u dettaljat, biex jipprova dak li ġie allegat fiċ-ċitazzjoni jew nota ta' eċċezzjonijiet. Din id-dikjarazzjoni tkun tammonta għax-xiehda tal-parti fil-kawża, u l-parti tiddikjara fiha li taf personalment bil-fatti dikjarati." | "flimkien ma' rikors ġuramentat u mar-risposta, għandhom jagħmlu dikjarazzjoni ġuramentata b'mod ċar u dettaljat, biex jipprova dak li ġie allegat fir-rikors ġuramentat jew fir-risposta. Din id-dikjarazzjoni tkun tammonta għax-xiehda tal-parti fil-kawża, u l-parti tiddikjara fiha li taf personalment bil-fatti dikjarati." " |
| "2. | **Regoli dwar in-Notifika ta' Atti Ġudizzjarji bil-Posta, L.S. 12.12.** | regola 3(2)(ċ) | "ċitazzjonijiet; u" | "rikorsi ġuramentati; u" " |
| "3. | **Regolamenti dwar in-Notifika ta' Ċitazzjoni u Dokumenti Oħra Mehmużin Magħha, L.S. 12.18.** | titolu | "Regolamenti dwar in-Notifika ta' Ċitazzjoni u Dokumenti Oħra Mehmużin Magħha" | "Regolamenti dwar in-Notifika ta' Rikors Ġuramentat u Dokumenti Oħra Mehmużin Miegħu" |
| | | regolament 1 | "Regolamenti dwar in-Notifika ta' Ċitazzjoni u Dokumenti Oħra Mehmużin Magħha" | "Regolamenti dwar in-Notifika ta' Rikors Ġuramentat u Dokumenti Oħra Mehmużin Miegħu" |
| | | nota marġinali tar-regolament 2 | "Notifika ta' Ċitazzjoni u Dokumenti Oħra Mehmużin Magħha" | "Notifika ta' Rikors Ġuramentat u Dokumenti Oħra Mehmużin Miegħu" |

| | LIĠI | DISPOSIZ-ZJONI | KELMA/FRAŻI LI TIĠI EMENDATA | EMENDA |
|---|---|---|---|---|
| | | regolament 2 | "Kopja ta' ċitazzjoni, dikjarazzjoni, affidavit ta' l-attur u dokumenti oħra annessi ma' ċitazzjoni li għandhom jiġu notifikati lill-konvenut skond l-artikolu 157 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili , għandhom jiġu notifikati permezz tar-reġistratur." | "Kopja ta' rikors ġuramentat, dikjarazzjoni, affidavit ta' l-attur u dokumenti oħra annessi ma' rikors ġuramentat li għandhom jiġu notifikati lill-intimat skond l-artikolu 157 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, għandhom jiġu notifikati permezz tar-reġistratur." " |
| "4. | **Regolamenti dwar Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), Il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili u Il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni tal-Familja), L.S. 12.20.** | regolament 13 | "rikorsi jew ċitazzjonijiet, għandha mal-bidu fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti tieħu konjizzjoni ta' dawk l-atti, rikorsi jew ċitazzjonijiet li minnufih qabel il-bidu fis-seħħ ta' dawn ir-Regolamenti jew dak l-Ordni kienu pendenti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, is-Sekond' Awla tal-Qorti Ċivili u l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri), u dan skond il-ġurisdizzjoni ta' kull waħda minn dawk is-sezzjonijiet skond dawn ir-Regolamenti u dak l-Ordni, b'dan illi minkejja kull ħaġa li hemm f'dawn ir-Regolamenti jew f'dak l-Ordni, il-proċedura li għandha tiġi segwita fir-rigward ta' kull att, rikors jew ċitazzjoni pprezentati qabel id-data tal-bidu fis-seħħ ta' dawn ir-Regolamenti u ta' dak l-Ordni," | "rikors jew rikors ġuramentat, għandha mal-bidu fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti tieħu konjizzjoni ta' dawk l-atti, rikorsi jew rikorsi ġuramentati li minnufih qabel il-bidu fis-seħħ ta' dawn ir-Regolamenti jew dak l-Ordni kienu pendenti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, is-Sekond' Awla tal-Qorti Ċivili u l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri), u dan skond il-ġurisdizzjoni ta' kull waħda minn dawk is-sezzjonijiet skond dawn ir-Regolamenti u dak l-Ordni, b'dan illi minkejja kull ħaġa li hemm f'dawn ir-Regolamenti jew f'dak l-Ordni, il-proċedura li għandha tiġi segwita fir-rigward ta' kull att, rikors jew rikors ġuramentat prezentati qabel id-data tal-bidu fis-seħħ ta' dawn ir-Regolamenti u ta' dak l-Ordni," " |

| | LIĠI | DISPOSIZ-ZJONI | KELMA/FRAŻI LI TIĠI EMENDATA | EMENDA |
|---|---|---|---|---|
| "5. | **Regolamenti dwar il-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda (Arġentiera), L.S.46.01.** | regolament 15 | "quddiem il-Qorti kompetenti" | "b'rikors ġuramentat quddiem il-Qorti kompetenti" " |
| "6. | ***Merchant Shipping (Shipping Organisations - Private Companies) Regulations*, L.S. 234.42.** | - | **Dawn ir-Regolamenti ġew pubblikati bl-ilsien Ingliż biss."** | |
| "7. | **Regolamenti dwar Kontinwaz-zjoni ta' Kumpanniji, L.S. 386.05** | regolament 15(2) | "b'ċitazzjoni" | "b'rikors ġuramentat" " |